


# Il-Knisja tal-Imtaħleb u l-Kwadru Titulari

**Charles Attard**

*Waqt waħda mill-visti li għamilna l-Imtaħleb sabiex nieħdu ritratti u naraw b'għajnejna l-ġmiel ta' dawn in-naħat, insibu il-knisja tal-Imtahleb, inzertat miftuħa u ppreparata biex titqaddes il-quddiesa. Kif dħalt mill-ewwel ħarist lejn il-kwadru titulari u nilmaħ lill-Appostlu Sant'Andrija fil-kwadru titulari tal-Madonna tal-Vitorja. Jien staqsejt lili nnifsi għaliex hemm Sant'Andrija u x'rabta għandu ma' din il-knisja meta l-istess kwadru qed jirrappreżenta t-twelid tal-Madonna l-Vitorja.*

L-imtaħleb, żona meraviljuża tal-kampanja Maltija, jinsab bejn il-Baħrija u r-Rabat, illum insibu fdalijiet ta' raħal fil-kampanja u widien il-ġmiel tagħhom li sa ftit taż-żmien ilu kienu għadhom abitati sew. Hawn insibu knisja mill-isbaħ iddedikata lil Marija Bambina. Knisja li għadha miżmuma tajjeb ħafna u anke għadu jsir fiha quddiesa kull nhar ta' Sibt.

Din il-knisja għandha storja antika ħafna sa mis-sena 1575. Għall-bidu kienet imsemmija għal Santa Marija u kienet tissejjaħ Santa Marija tax-xahar ta' Awwissu. Iżda aktar tard ġiet iddedikata lit-Twelid tal-Madonna. Kienet knisja fqira ħafna għax fl-Imtaħleb kien hemm biss ftit bdiewa imma permezz ta' Giovanni Vincenzo Castelletti, wieħed mill-għonja ta' Malta, il-knisja ġiet irranġata u ta ħajja mill-ġdid fejn anke kellha r-rettur tagħha.

Fis-sena 1656 il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid kif tixhed iskrizzjoni li hemm imwaħħla mal-faċċata tal-knisja. Kien Andreotta Castelletti, iben Giovanni-Vincenzo li ħa ħsieb il-bini ta' din il-knisja ġdida. Huwa ħaseb ukoll li jżejjinha bl-opri tal-arti minn ġewwa, fosthom il-kwadru titulari ta' din il-knisja li għadna narawh sal-lum. Dan il-kwadru juri diversi personaġġi. Fih insibu lil Sant'Anna bil-Madonna tarbija fi ħdanha, imdawra bil-qaddisin San Tumas minn Akwinu, l-Appostlu Sant'Andrija u l-Anġlu Kustodju. Jidher ukoll il-benefattur innifsu: Andreotta Castelletti. Din il-pittura ġiet impittra mill-portugiż Emanuele Pereira li kien ġà pitter kwadru ieħor għal knisja oħra f'dawk l-inħawi.

Hawn nista' nasal nirrispondi l-mistoqsija li semmejt fil-bidu ta' dan l-artiklu dwar kif f'dan il-kwadru nsibu mpitter lill-Appostlu Sant'Andrija. Kollox jindika li kien Andreotta Castelletti li wera x-xewqa li fil-





pittura jdaħħal lill-qaddis minħabba li ismu huwa ddedikat lil Sant'Andrija. Dak iż-żmien kienet xi ħaġa komuni li l-benefatturi ta' xi pittura kienu jdaħħlu fiha xewqat personali, saħansitra anke kif naraw f'dan il-kwadru hemm impitter l-istess benefattur. Hawnhekk l-appostlu Sant'Andrija jidher qed iħaddan is-salib miegħu, is-salib forma ta' X li fuqu ħa l-martirju tiegħu. Dan il-kwadru għadu fi stat tajjeb ħafna u ftit tas-snin ilu ġie rrestawrat minn Ġorġ Farrugia ta' Ħal Qormi bit-tħabrik tar-rettur tal-knisja l-Kanonku Dun Karm Cefai.

F'din il-knisja nsibu wkoll statwa sabiħa tal-Bambina fuq ix-xbiha tal-Bambina tal-Isla. Din saret mill-istatwarju Ġużeppi Caruana mlaqqam Ta' Marzjon minn Bormla fil-kartapesta u saret bit-tħabrik tar-Rettur Mangani fl-ewwel snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Wara l-mewt tar-rettur Mangani laħaq rettur il-Kanonku Dun Karm Cefai fejn kompla x-xogħol fuq din l-istatwa fosthom ingħatat il-kulur u anke ġiet indurata u saritilha wkoll niċċa. Il-festa tagħha ssir Ħadd fuq it-8 ta' Settembru



u l-knisja tintrama kollha bid-damask u diversi opri oħra fuq l-artali. Lejliet din il-festa ssir il-fiera tradizzjonali u nhar il-festa tieħu sehem il-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat.

Illum din il-knisja hija mżejna b'ħafna opri tal-arti li saru fis-seklu għoxrin fejn il-popolazzjoni kienet ta' madwar 200 ruħ iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien il-popolazzjoni naqset drastikament. Sal-lum, din il-knisja baqgħet miżmuma tajjeb ħafna u sa minn dejjem kien hemm qassis li jieħu ħsieb din il-knisja. Fil-fatt insibu lill-Kanonku Dun Karm Cefai kien rettur mis-sena 1949 sal-2004. Warajh laħaq il-Kanonku Dun David Cilia u fil-preżent hemm Dun Joe Fsadni. B'xorti tajba, biex jiġi kkonservat l-ambjent karatteristiku u s-sħubija naturali ta' dan il-post dejjem ġew miċħuda l-permessi għall-bini ta' djar. L-aktar bini modern li nsibu llum quddiem din il-knisja huwa post għar-rijabillitazzjoni ta' persuni li nħakmu mill-vizzju tad-droga li qabel kienet isservi bħala skola żgħira.

## Referenza

*Il-Knisja ta' Marija Bambina Imtaħleb*, Kitba ta' Patri Alexander Bonnici O.F.M.

www.kappellimaltin.com

*Ktieb tal-Festa 1997* - Kumitat Festi Esterni *Corpus Domini* u San Pawl tar-Rabat.

Ħajr lil Dr Joseph Zammit u lis-Sur Aris Cefai tal-informazzjoni li għaddewli.